# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Digriet tallum il-Hamis, 31 ta' Mejju 2018**

**Rikors Guramentat Numru : 222/2018/LSO**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni No. 887/06 fl-ismijiet:**

**Joseph Cutajar u Stefan Cutajar ghal kull interess li jista' jkollu**

**vs**

**Alfred Spiteri u martu Rena Spiteri**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors ta’ Alfred Spiteri (ID No. 318764 M) u Rena Spiteri (ID No. 469562 M) datat 7 ta’ Marzu 2018 fejn esponew: -

Illi hemm pendenti bejn il-partijiet kontendenti kawza fl-ismijiet inversi bin-numru ta' referenza 352/2006 AF, u li l-mertu taghha jittratta dwar incident stradali u hsara li garrbet vettura bin-numru ta' registrazzjoni LTY-194, li hija proprjeta' tar-rikorrenti u kienet mikrija lill-intimat Joseph Cutajar. Illi ghalkemm din il-kawza giet deciza fi Prim' Istanza a favur l-esponenti, giet appellata mill-intimati Cutajar, u l-partijiet ghadhom qed jistennew li dan l-appell jigi appuntat ghas-smigh.

Illi in forza tal-mandat ta' inibizzjoni odjern, l-intimati talbu u ottjenaw il-hrug tal-mandat in kwistjoni, u in forza tieghu l-esponenti gie mwaqqaf milli jwettaq trasferiment kemm tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LTY-194, mertu tal-kawza, kif ukoll tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LTY-182.

Illi permezz ta' rikors li gie intavolat mill-esponenti fl-atti ta' dan il-mandat ta' inibizzjoni, liema rikors kien gie degretat minn din l-Onorabbli permezz ta' digriet datat 21 ta' Jannar 2008, l-esponenti kien talab illi n-numru ta' registrazzjoni LTY-194, li dak iz-zmien kien relattiv ghall-vettura tal-marka Mercedes li kienet involuta fil-habta mertu tal-kawza hawn fuq riferta u li giet dikjarata *beyond economical repair,* jigu trasferiti minn fuq dik il-vettura ghal fuq vettura ohra tal-marka Peugeot. Il-Qorti kienet akkordat dik it-talba

fid-dawl tal-fatt illi l-proprjetarju tal-vettura, kien u baqa' l-istess esponenti, in kwantu n-numru ta' registrazzjoni relattiv ghal dik il-vettura baqa' rregistrat f'isem l-esponenti.

Illi kif gie rilevat aktar 'l fuq, il-mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni jolqot ukoll il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LTY-182, li hija wkoll proprjeta' tal-esponenti. Din il-vettura fil-prezent hija Peugeot 508. Din il-vettura jehtieg illi tinbidel ma' ohra, u cioe' Peugeot ohra izda mudell 406. Illi din tal-ahhar ghandha *gear box automatic,* filwaqt illi l-mudell 508 ghandu *manual gear box.* Illi l-esponenti, li huwa xufier tat-taxi, ricentement ghamel operazzjoni ta' *slipped (herniated) disk,* u ghalhekk huwa mehtieg ghalih illi juza vettura *automatic* sabiex jevita li jghafas il-*clutch.*

Illi ghalhekk l-esponenti ghandu l-hsieb li jpartat il-Peugeot in kwistjoni ma' Peugeot 406; din il-vettura tal-ahhar ghandha n-numru ta' registrazzjoni BTY-037 u numru tax-chassis VF38BRHZE80958438 u dan kif jirrizulta mill-kopja tal-*logbook* relattiv, hawn mehmuz (Dok. XI). L-esponenti gia wasal fi ftehim f' dan ir-rigward mal-proprjetarju ta' din il-vettura, Joseph Portelli - li kopja tal-karta tal-identita' tieghu qed tigi mehmuza (Dok. X2) - li mieghu ghandu jsir it-tpartit relattiv; madanakollu, it-trasferiment ghal fuq l-esponenti ghadu ma sarx, u jsir biss kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti joghgobha takkorda din it-talba, ghaliex l-esponenti ser jakkwista din il-vettura specifikament sabiex tintuza bhala taxi minnflok dik li qed tintuza bhala taxi prezentement, u dan ghal ragunijiet fizici-medici hawn fuq imsemmija.

Illi mal-prezenti l-esponenti qed jipprezentaw kopja tal-*logbook* relattiv ghall-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LTY-182 (Dok. X3), kif ukoll kopja tal-*log book* tal-vettura li l-esponenti ser jakkwista minghand terzi, li dwarha qed issir it-talba sabiex ir-*registration number* LTY-182 jigi trasferit ghal fuqha (Dok. XI). Illi kif gia gie rilevat, din ghadha rregistrata fuq isem Joseph Portelli; madanakollu, kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti tawtorizza li n-numru ta' registrazzjoni LTY-182 jigi trasferit ghal fuq din il-vettura, allura jigi finalizzat l-akkwist ta' din il-vettura mill-esponenti, u ssir proprjeta' tieghu, liema akkwist isir kontestwalment mat-trasferiment.

Illi l-esponenti qed jipprezentaw ukoll kopja tad-digriet li nghata minn din l-Onorabbli Qorti in konnessjoni ma' talba simili li saret mill-istess esponenti, izda fir-rigward tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LTY-194 (Dok. X4).

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Thassar u tirrevoka, *in parte* jew *in toto,* il-mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet premessi, u dan taht id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 836(l)(c) u 836(l)(f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex ikun jista' jsir it-trasferiment *tan-number plates,* permess u licenzja LTY-182 minn fuq il-vettura tal-marka Peugeot 508 *(chassis number* VF38DRHH8CL004100) ghal fuq il-vettura tal-marka Peugeot 406 *(chassis number* VF38BRHZE80958438), li prezentement ghandha n-numru ta' registrazzjoni BTY-037.

2. Taghti kwalunkwe provvedimenti li jidhrilha li jkunu xierqa u opportuni.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh mill-Qorti kif hekk presjeduta ghas-seduta tal-20 ta' Marzu 2018 f' 12:00pm.

Rat ir-risposta ta' Joseph Cutajar (ID: 285454M) u Stefan Cutajar (ID: 203984M) datata 15 ta' Mejju 2018 (fol 20) fejn ma opponewx ghat-talba purke l-ispejjez jibqghu a karigu tar-rikorrent odjern u purke li l-pjanci (*number plates*) mertu tal-istess mandat ta' inibizzjoni jibqghu soggetti ghall-istess inibizzjoni fis-sens li ma jkunux jistghu jigu bl-ebda mod trasferiti ghal fuq terzi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 15 ta' Mejju 2018 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Graziella Bezzina ghar-rikorrenti prezenti fl-Awla. Deher Dr Ishmael Psaila li assocja ruhu fil-patrocinju tal-intimati ma' Dr Mark Vassallo. Id-difensuri tal-partijiet qablu li l-Qorti tista' tghaddi ghal digriet tenut kont tar-risposta pprezentata llum stess. Il-kawza qed tigi differita ghal digriet kamerali.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Illi *in visto* tar-risposta tal-intimati ezekutanti fejn ma opponewx ghat-talba, din il-Qorti ser tghaddi biex tilqa' t-talba kif dedotta.

Ghaldaqstant din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' t-talba limitatament billi tirrevoka *in parte* l-Mandat ta'

Inibizzjoni fl-ismijiet premessi, sabiex ikun jista' jsir it-trasferiment *tan-number plates,* permess u licenzja LTY-182 minn fuq il-vettura tal-marka Peugeot 508 *(chassis number* VF38DRHH8CL004100) ghal fuq il-vettura tal-marka Peugeot 406 *(chassis number* VF38BRHZE80958438), li prezentement ghandha n-numru ta' registrazzjoni BTY-037. Izda referibbilment ghall-pjanca LTY 182 mertu tal-Mandat in kwistjoni, din ma tista' bl-ebda mod tigi trasferita *stante* li n-numru tal-pjanca LTY 182 jibqa' suggett ghall-Mandat ta' Inibizzjoni numru 887/2006 ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.Izzomm ferm l-effetti tal-Mandat ghall-bqija kif ukoll testendi l-istess effetti fuq il-vettura Peugeot 406 *(chassis number* VF38BRHZE80958438).

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**31 ta' Mejju 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**31 ta' Mejju 2018**